MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Numru 1538/2007

Il-Pulizija
(Spettur Raymond Cassar)

vs

Christopher Scerri
Charlot Zammit

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 77081(M) u 43786(M) rispettivament akkuzati talli:

1. nhar 8 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ bejn is-sebgha neqsin kwart u t-tmienja u kwart ta’ filghaxija, f’ Marsaskala, ikkomettew serq minn vettura tat-tip Peogeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LAI561 ghad-dannu ta’ Elaine Scicluna, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ kotba tax-xjenza ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, liema serq li huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa sar minn vettura tat-tip Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LAI561;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew/u gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamlu hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAI561, liema hsara ma tiskorrix il- hames mitt lira lira Maltin izda hija aktar minn hamsin lira;
4. nhar 12 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ bejn is-sebgha u t-tmienja u kwart ta’ filghaxija, f’ Hal-Tarxien, ikkomettew serq minn vettura tat-tip Toyota Aygo bin-numru tar-registrazzjoni TWO308 ghad-dannu ta’ Fredrick Enriquez u Diane Enriquez, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew/u gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamlu hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TWO308, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin izda hija aktar minn hamsin lira ;
6. nhar 12 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ bejn is-sebgha u t-tmienja u kwart ta’ filghaxija, f’ Haz-Zabbar, ikkomettew serq minn vettura tat-tip Chevrolet Lacetti bin-numru tar-registrazzjoni REN082 ghad-dannu ta’ Rene’ Cassar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ;
7. u talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew/u gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamlu hsara fil- vettura bin-numru tar-registrazzjoni REN082, liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin;
8. nhar 13 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ bejn is-sitta u l-hdax ta’ filghaxija, f’Hal-Kirkop ikkomettew serq minn vettura tat-tip Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni EBD373 ghad-dannu ta’ Joanne Marie Borg, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ;
9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew/u gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobli u cioe' ghamlu hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBD373, liema hsara ma tiskorrix il- hames mitt lira lira Maltin izda hija aktar minn hamsin lira ;
10. fl-14 ta' Novembru 2007 u fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti, f'dawn il-Gzejjer xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkunu indahlu biex ibieghawhom jew imexxuhom, liema hwejjeg jikkonsistu f'apparat tal-hi-fi, hwejjeg u kotba.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-akkuzati fl-udjenza tal-lum jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma insistew anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-akkuzati tirrizulta wahda volontarja u inkondizzjonata. Tirreferi ghal diversi serqiet imwettqa minn vetturi bejn it-8 ta' Novembru 2007 u l-14 ta' l-istess xahar. Fit-twettiq ta' dan is-serq saret xi hsara lill-imsemmija vetturi ghal-liema hsara l-akkuzati huma wkoll akkuzati.

Stante l-ammissjoni l-Qorti hi tal-fehma wara li kkunsidrat l-fattur tal-eta' taghhom li ma timponix prigunerija effettiva u ghalhekk wara li rat l-Artikolu 18, 261 (b)(c)(f)(g), 264, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 325, 17(h), 31 u eskludiet l-akkuza dwar ricettazzjoni stante li hi in alternattiva ghal dik ta' serq, tiddeciedi li tikkundannhom 18-il xahar habs sospizi ghal erba' snin u taghmel fil-konfront taz-zewg imputati ordni ta' supervizzjoni taht l-Artikolu 28 (G) tal-Kap 9.

Spjegat lill-akkuzati r-responsabbiltajiet taghhom skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------